



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2013/2205(DEC)

11.2.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar Kwittanza 2012: baġit ġenerali tal-UE - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
(2013/2205(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: María Muñiz De Urquiza

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li, fit-tieni sena finanzjarja tiegħu, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) kompli jimplimenta l-baġit tiegħu mingħajr ma l-Qorti tal-Awdituri identifikat żbalji materjali, u li ħafna mill-problemi identifikati fir-rapport tas-sena l-oħra b'riżultat tal-proċess ta' stabbiliment ma reġgħux okkorrew;
2. Jibqa' mħasseb dwar in-numru sproporzjonatament kbir ta' karigi ta' grad għoli fis-SEAE u n-nuqqas persistenti ta' ekwilibriju fil-ħatra tal-persunal; jinnota li partikolarment in-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed f'karigi ta' livell għoli fis-SEAE u jħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President ittejjeb l-ekwilibriju bejn is-sessi; iħeġġeġ ukoll lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tikkunsidra attentament l-kwistjoni tal-ekwilibriju ġeografiku fir-reklutaġġ, inkluż ir-reklutaġġ għal karigi tal-ogħla livell; jenfasizza li l-kompetenza fil-qasam tal-affarijiet barranin trid tibqa' l-kriterju ewlieni li fuqu jiġu bbażati d-deċiżjonijiet dwar l-ingaġġ; jitlob li s-SEAE jiżviluppa strateġija koerenti għar-riżorsi umani li tista' tilħaq dawn l-oġettivi;
3. Ifakkar fir-rikjesta tiegħu għal politika dwar ir-riżorsi umani fid-Delegazzjonijiet tal-UE li tiegħu kont tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea f'reġjun partikolari u l-flessibilità meħtieġa għal reazzjoni kontra l-kriżijiet; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni jsibu approċċ komuni għall-persunal tad-Delegazzjonijiet u għall-allokazzjoni tal-kompiti f'konformità ma' dawn il-prinċipji u biex jiżguraw koordinazzjoni xierqa fost is-servizzi ħalli jtejbu l-koerenza tal-politiki tal-UE u jikkontribwixxu għas-sinerġiji tal-baġit;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ b'soluzzjoni għall-ġestjoni tan-nefqa amministrattiva fid-Delegazzjonijiet tal-UE, sabiex tħaffef il-piż amministrattiv tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet, b'mod partikolari f'Delegazzjonijiet iżgħar, billi tippermetti li jkun hemm sottodelegazzjoni għall-persunal tal-Kummissjoni wkoll, f'konformità mar-rapport tal-Parlament dwar ir-rieżami, li sar fl-2013, tal-organizzazzjoni u l-operat tas-SEAE;
5. Itenni l-importanza li jitkoplew l-isforzi biex ikunu identifikati opportunitajiet għal iffrankar fit-tul u sinerġiji, kemm bejn is-SEAE u l-Kummissjoni kif ukoll mal-Istati Membri, biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-baġit tas-SEAE fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji;
6. Jenfasizza l-bżonn li jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala li jistgħu jinħolqu permezz ta' sinerġiji bejn id-delegazzjonijiet tas-SEAE, il-Kwartieri Ġenerali u s-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri; iħeġġeġ, għalhekk, li jkunu massimizzati l-opportunitajiet għall-kolokazzjoni u l-provvista kondiviża ta' servizzi; jinnota, madankollu, li l-Istati Membri għandhom iħallu s-sehem ġust tagħhom tal-ispejjeż involuti f'tali kolokazzjoni u provvista ta' servizzi;
7. Itenni t-talba tiegħu li jkunu ffrankati l-flus fl-ispejjeż ta' vvjaġġar permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-oqsma tat-taħriġ u tal-intervisti tax-xogħol, pereżempju billi

jsir użu akbar mill-vidjokonferenzi;

8. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ l-abilità tas-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE li jiddefendu lilhom infushom minn attivitajiet ta' spjunaġġ minn pajjiżi terzi, inkluż bit-tisħiħ tas-sigurtà tan-netwerks tal-IT tagħhom u bil-bini ta' sistemi ta' komunikazzjoni sigura, u jinsisti li, bla dewmien, issir valutazzjoni tal-ħtiġijiet baġitarji relatati;
9. Fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali, jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni toħloq delegazzjoni fil-Panama, li huwa pajjiż sieħeb importanti u l-uniku pajjiż fir-reġjun mingħajr tali delegazzjoni, u jistieden lis-SEAE jieħu azzjoni għal dan l-għan malajr kemm jista' jkun kif kien diġà rikjest is-sena ta' qabel;
10. Jinnota l-problemi identifikati mill-Qorti tal-Awdituri rigward il-ġestjoni tal-konċessjonijiet soċjali u jħeġġeġ lis-SEAE jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha li saru; jilqa' l-passi li s-SEAE ħa s'issa fir-rigward tal-kwistjoni u jħeġġu jħaffef il-proċess ta' tnedija tal-programm il-ġdid tiegħu biex isolvih;
11. Jenfasizza mill-ġdid il-bżonn li jkun żgurat li l-aġenti lokali fid-delegazzjonijiet ikunu soġġetti għal kontroll tas-sigurtà komprensiv qabel ir-reklutaġġ.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 3 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Richard Howitt, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Pașcu, Tonino Picula, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theocharous, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kinga Gál, Doris Pack, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivari Padar, Dubravka Šuica